TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 215/10

**Eucharistica u George Muscat**
**vs**
**Slip Stop Malta**

Illum 7 ta' Frar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Mejju, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' ħames mija u għoxrin ewro (€520), fejn ir-rikorrenti ingaġġaw lis-soċjeta' intimata sabiex tagħmel servizz ta' tqegħid ta' trattament sabiex ma tiżloqx l-art u fil-fatt wara li ġie applikat żelaq xi ħadd.

Is-soċjeta' intimata ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ngaġġaw lis-soċjeta' intimata sabiex japplikaw xi trattament fuq ir-rampa tal-basement, sabiex ħadd mir-residenti ma jiżloq. Wara li lestew it-trattament, żelaq xi ħadd mir-residenti. Minkejja li skond l-istess rikorrenti, s-soċjeta' intimata aċċettat li jħallsuhom lura, xorta la l-flus u lanqas it-trattament ma ġie.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi s-soċjeta' intimata, debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjħa tliet darbiet, m'attendietx għas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-ħin tas-seduta s-soċjeta' intimata kienet għada ma bagħtitx risposta bil-miktub.

It-Tribunal, jinnota wkoll illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli, u ma ġietx ikkontestata.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta' ħames mija u għoxrin ewro (€520), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**